# KUNSILL LOKALI LIJA

TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA
TEL. 21416111 FAX 21416941


## MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL

## IS-SITT KUNSILL

## SEDUTA NR 13 – L-ERBGHA 23 TA’ GUNJU 2010

Il-Kunsill iltaqa’ fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu f’Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija fil-2.00p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Dr. Ian Castaldi Paris | Sindku |
| | Sinjura Magda Magri Naudi | Viċi Sindku |
| | Sur Jeremy Anthony Dalli | Kunsillier |
| | Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |
| | Dr. Marc Sant | Kunsillier |
| | Sur Alfred Buhagiar | Segretarju Eżekuttiv |

## 1. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-Minuti inqraw u wara li kienu approvati gew ffirmati mis-Sindku u S-Segretarju Eżekuttiv. Proposti mis-Sur Jeremy Dalli, sekondant is-Sinjorina Lorraine Farrugia.

1.2 Lista ta’ pagamenti annessa gew approvati fuq proposta tas-Sinjura Magda Magda Naudi sekondata mis-Sinjorina Lorraine Farrugia

## 2. ATTIVITA SPORTIVA

2.1 Is-Sindku Dr. Ian Castaldi Paris irringrazzja lill-kunsilliera ingarigati mill l-isports li hadu hsieb biex tkun organizzata attivita sportiva matul nhar is-Sibt u l-Hadd 5 ta’ Gunju u 6 ta’ Gunju 2010 fil-lokalita ta’ Hal Lija.

2.2 Is-Sindku qal ukoll li din l-attivita kienet success ghar-raguni li bosta residenti minn Hal Lija hadu sehem f'din l-attivita u dawn minn naha taghhom urew li kienu sodisfatti hafna b'din l-attivita.

2.3 Dr. Marc Sant tkellem ukoll dwar din l-attivita, informa lill-Kunsill li kien hemm il-hsieb li din l-attivita terga tinzamm matul ix-xahar ta' Ottubru 2010.

2.4 Il-Kunsilliera kollha qablu biex il-Kunsill jaghti is-sehem tieghu biex din l-attivita tkun tista' terga tinzamm.

## 3. ATTIVITIJIET KULTURALI

3.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia, kompliet taghti aktar taghrif u informazzjoni dwar il-preparamenti li kienet qeda taghmel biex tinzamm l-attivia kulturali fil-lokalita ghall-ahhar ta' Awissu.

3.2 Hija kkonfermat li Villa Francia ser tkun parti minn din l-attivita. Ghal dan il-ghan hija tkellmet ma ufficjali li jiehdu hsieb din il-Villa. Dawn minn naha taghhom ikkonfermaw li ser jaghtu is-sehem taghhom permezz ta' 'tours' li jistghu isiru f'din il-Villa Storika.

3.3 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet ukoll li ser ikun hemm il-htiega biex jinxtraw xemghat li ser jintuzaw f'din l-attivita. Il-Kunsill approva ix-xiri ta' dawn ix-xemghat wara li jingiebu kwotazzjonijiet mehtiega. Aktar dettalji dwar din l-attivita ser jinghataw fil-laqgha li jmiss.

## 4. PUBLIC PRIVATE PARTNERSHIP – TOROQ

4.1 Is-Sindku, Dr. Ian Castaldi Paris, informa lill-Kunsill li fit-28 ta' Mejju kienet ippublikata it-Tender dwar it-toroq insemmija fil-progett taht il-Public Privat Partnership u din ser taghlaq fit-28 ta' Gunju 2010.

4.2 Huwa qal ukoll li wara li tinfetah din it-Tender il-Perit John Rizzo Naudi, ghandu jiehu hsieb johrog informazzjoni dettaljata biex din titressaq quddiem il-Kunsill halli tkun tista' tittiehed decizjonimill-Kunsill dwar l-agudikazzjoni ta' din it-tender.

## 5. TRAFFIC MANAGEMENT

5.1 Is-Sindku, Dr. Ian Castaldi Paris informa lill-Kunsill li ghandha tinzamm laqgha ma' Ufficjali tat-Trasport Malta biex tkun diskussa il-problema tat-traffiku fil-lokalita ta' Hal Lija b'mod specjali fl-area tal-Mirakli, Triq Annibale Preca u il-village core.

5.2 Il-hsieb wara dan huwa li tinzamm laqgha 'on-site' ma' dawn l-ufficjali biex il-problema tkun ipprezentata b'aktar enfasi ghar raguni li wiehed ikun jista' jara b'ghajnejh il-problema esistenti fit-toroq ta' Hal Lija.

5.3 Is-Sindku heggeg lill-kunsillier kollha biex meta jkunu avzati b'din il-laqgha ikunu prezenti halli jipprezentaw l-ilmenti kif ukoll suggerimenti lill-ufficjali tat-Trasport Malta.

5.4 Is-Sinjura Magda Magri Naudi, Vici Sindku ipproponiet biex Triq Ramiro Barbaro issir 'one-way' ghar-raguni li din ma kienetx tippermetti traffiku li jghaddi minn zewg nahat.

5.5 Wara diskussjoni dwar din il-proposta, il-kunsilliera qablu li ghandu jigu konsultati ir-residenti fl-area qabel ma tittiehed decizjoni.

5.6 Il-kunsilliera tkellmu ukoll dwar is-suggeriment biex fl-inhawi tat-Trasfiguration Avenue, l-Housing Estate u Triq Wigi Muscat jitpoggew sinjali tat-traffiku biex dawn jindikaw li l-area hija riservata ghar-residenti.

5.7 Ir-raguni dwar dan hija il-problema li hemm fil-prezent minhabba li haddiema impjegati fi stabbililmenti l-Ikin qed jipparkjaw il-karozzi taghhom ghal granet shah f'dawn l-inhawi bir-rizultat li r-residenti mhux qed ikollhom spezju fejn jipparkjaw.

5.8 Il-Kunsill qabel li din il-problema flimkien ma suggerimenti ohra ghandhom jitressqu fil-meeting li ghandu jsir ma' ufficjali tat-Transport Malta.

## 6. JUM HAL LIJA

**6.1** Il-Kunsilliera unanimament qablu li jinzamm iil-programm kif spjegat hawn taht biex ikun kommeromorat Jum Hal Lija.

1. Quddiesa ta' Ringrazzjament fil-Knisja Parrokkjali
2. Riceviment fic-Centru Rekreattiv ghall-Ghaqdiet tar-Rahal

3. Prezentazzjoni Gieh Hal Lija

6.2 Fuq proposta tas-Sinjorina Lorraine Farrugia, il-kunsill unanimament qabel li ghandu jinghata Gieh Hal Lija lill-ghaqda Kumitat Festi Esterni.

6.3 Fuq proposta tas-Sindku Dr. Ian Castaldi Paris il-Kunsill approva biex ikun hemm face painting ghat-tfal fic-centru Rekreattiv.

6.4 Proposta mis-Sinjura Magda Magri Naudi biex jingibu grupp ta' ghanejja ma kienetx approvata.

6.5 Fuq proposta ta' Magda Magri Naudi l-Kunsill unanimament approva biex il-catering ghall-okazzjoni jiehu hsiebu l-Percius Confectionery.

## 7. AGGORNAMENT TAL-LAQGHA

7.1 Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fis-4.00p.m.

Il-Laqgħa li jmiss ser tinżamm nhar lil-Hamis 15 ta' Lulju 2010 fl-4.00p.m..

Dr. Ian Castaldi Paris
Sindku

Sur Alfred Buhagiar
Segretarju Eżekuttiv